MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2014

Numru. 1186/2014

**SPETTUR JOSEPH BUSUTTIL**

**VS**

**MAE AL SOUS**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Mae Al Sous ta’ 18- il sena bint Zeiad Muhammed Abdal Al- Sous u Nadia nee’ Rapinett, mwielda fid- 9 ta’ Novembru 1996 Pieta’, residenti minghajr indirizz fiss u detentrici tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 483596M;

Talli f’ dawn il- Gzejjer fit- 28 ta’ Novembru 2014 u fil- granet ta’ qabel b’ diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal- ligi u li gew maghmula b’ risoluzzjoni wahda;

1) Ippartecipat f’ attivitajiet sesswali ma’ persuna taht l-eta u cioe’ Sefora Camilleri;

2) Aktar talli fl- istess cirkustanzi ghexet hajja ta’ ghazz u ta’ vagabondagg;

3) Aktar talli fl- istess cirkostanzi meta ma kellha ebda xorta ta’ beni u ma kellhiex mezzi ohra biex tghix, ma pruvatx tfittex li tahdem xi arti jew sengha jew taghmel xi haga;

4) Aktar talli sabet zewg minuri (Sefora Camilleri u Donna Edris) fit- triq mitluqin jew mitlufin, u ma hadithomx ghand il- Pulizija Ezekuttiva jew ma gharfitx minnufih bih, jew xort’ ohra ma haditx hsieb biex tqieghed dawn il- minuri fiz- zgur;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputata rregistrat ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnha wara li l-Qorti tatha zmien xieraq skond il-ligi, u wara li l-imputata giet imwissija solennement minn din il-Qorti dwar il-konsegwenzi li din l-ammissjoni setghet iggib maghha;

Rat il-fedina penali ghal kollx netta tal-imputata, kif ukoll qieset l-eta' tenera tal-istess imputata;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l- Artikoli 204C (1), 338(w),338(i), 339(1)(k) tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill-imputata hatja u ghaldaqstant tordna li l-imputata titqieghed taht Ordni ta’ Probation ghal tlett (3) snin ai terminu tal-Artikolu 7 tal- Kap 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputata.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------